MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta ta' l-20 ta' April, 2009

Numru. 120/2006

PULIZIJA
SPETTUR RAYMOND AQUILINA
VS
FOUSSEYNI KANITAO

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat, Fousseyni Kanitao ta’ 18-il sena iben il-mejjet Ibrahim u l-mejta Pama xebba Nietao, imwieled Ivory Coast fis-sena 1987, residenti No.32 Flat 4, Triq Burmarrad, Burmarrad u detentur tal-karta ta’ l-Immigrazzjoni bin-numru 2072AA.

U akkuzat talli f’dawn il-Gzejjer, bejn il-4 ta’ Frar 2006 u 5 ta’ Frar 2006 gewwa l-fond 32 Flat 4 Triq Burmarrad, Burmarrad;

1) Bil-vjolenza, kkommetta stupru vjolent fuq il-minuri, Ommissis A, tifla ta’ ommissis-il sena tas-sess il-wiehed

jew l-iehor u dan bi ksur ta’ l-Artikolu 198 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
2) Kif ukoll fl-istess hin, lok u cirkostanzi b’eghmil zieni, ikkorrompa lill-istess minorenni u dan bi ksur ta’ l-Artikolu 203 (1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
3) Kif ukoll fl-istess hin, lok u cirkostanzi, b’xi mezz barra minn dak imsemmi fl-Artikolu 203 (1), eccita, ghin jew iffacilita l-korruzzjoni ta’ Ommissis A minuri ta’ taht l-eta’ tas-sess il-wiehed jew l-iehor u dan bi ksur ta’ l-Artikolu 203A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
4) Kif ukoll fl-istess hin, lok u cirkustanzi bla ordni skond il-Ligi ta’ l-awtorita’ kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lill-istess Ommissis A kontra l-volonta’ taghha u dan bhala mezz biex hi tigi mgieghla taghmel xi haga, jew toqghod ghal xi haga li toffendi il-misthija tas-sess taghha u dan bi ksur ta’ l-Artikolu 86 u 87 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-Artikoli elenkati mill-Avukat Generali taht liema Artikoli din il-Qorti tista’ ssib htija fl-imputat;

Rat il-verbal tad-29 ta’ Jannar 2008 fejn l-imputat ma kellux oggezzjoni li jigi gudikat minn din il-Qorti;

Rat in-nota ta’ osservazzjonijiet tal-prosekuzzjoni tas-7 ta’ Mejju 2008;

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Spettur Raymond Aquilina xhed illi in segwitu ta’ rapport li l-minuri Ommissis A kienet nieqsa mid-dar, datat 5 ta’ Frar 2006, fl-Ghassa ta’ l-Imsida din il-minuri sussegwentement giet misjuba minn zijuha f’Burmarrad. Illi ghalhekk il-Pulizija baghtu ghal minuri sabiex

ikellmuha. L-Ispettur Aquilina xhed illi l-minuri, Ommissis A, qaltlu illi kienet harget fl-4 ta’ Frar 2006 ghal habta tas-sitta ta’ filghaxija (6:00p.m.). Kienet marret il-Belt fejn iltaqghet ma’ l-imputat. Kienu iddeciedu illi jirkbu x-xarabank lejn Burmarrad fejn l-imputat stedina sabiex tmur fil-flat tieghu u hekk iddecidew li jaghmlu.

Il-minuri xhedet illi hekk kif dahlu fil-flat, l-imputat kien nehha l-flok tieghu u gie gharwien sa qadtu. Kien stedina tpoggi fuq is-sodda, beda jbusa u nezzalha l-hwejjeg:

*“Ommissis A dak il-hin, hekk kif qed tispjega, hekk qalet illi qatt ma riedet illi jkollha x’taqsam sesswalment mieghu, ma’ Fousseyni, u pprovat tirrezistieh imma ma rnexxieliex. Spjegat illi ppruvat timbuttah b’saqajjha u kemm b’idejjha pero’ l-forza illi beda juza hu ma setghatx tirrezistiha.”* (ara xhieda a fol.16)

Il-minuri xhedet illi fil-fatt l-imputat ippenetraha pero’ ma setghatx tghid jekk egakolax gewwa fiha. Imbaghad marru jinhasslu fil-kamra tal-banju. Ommissis A qalet lil Pulizija illi nelfrattemp kienet qed tirciEvi fuq il-mobile taghha diversi telefonati mill-ġenituri taghha u l-imputat beda jghidilha sabiex taqta’ l-mobile. Illi wara xi hin kien hadilha l-mobile u tfihulha. Il-minuri spjegat lil Pulizija illi l-ġenituri taghha kienu jafu li hija qed tohrog ma’ l-imputat Fousseyni u ma kellhomx pjacir bih u kienu wissuha sabiex titilqu. Il-minuri ddikjarat mal-Pulizija illi l-ġenituri taghha bdew anke jcemplu fuq il-mobile ta’ Fousseyni u dan beda jghidilhom illi t-tifla taghhom, Ommissis A, ma kinitx mieghu. L-Ispettur xhed illi fuq dan il-kaz kienet infethet Inkjesta Magisterjali u li l-minuri ttiehdet il-ward ginokologiku ghall-ezaminazzjonijiet necessarji. Sussegwentement il-Pulizija kienu accedew fil-fond ta’ l-imputat, cioe ‘32’ Flat 4 Triq Burmarrad, Burmarrad, u arrestaw lill-imputat aktar tard filghaxija. L-Ispettur Raymond Aquilina xhed illi l-imputat kien hadha bi kbira hafna li gie arrestat mill-Pulizija u baqa’ jsostni illi hu ma kien ghamel xejn. Bl-assistenza ta’ interpretu, giet mohudha l-istqarrija tieghu fil-prezenza ta’ WPS 24 Josephine Gauci. Fl-istqarrija tieghu, l-imputat, Fousseyni

Kanitao, stqarr illi huwa ma kellux x'jaqsam sesswalment mal-minuri Ommissis A. Ikkonferma illi Ommissis A kienet irceviet diversi telefonati mill-genituri taghha li kienu dejquha u ghalhekk kienet tfiet il-mobile. Ikkonferma wkoll illi kien ircieva wkoll diversi telefonati minn naha tal-genituri ta' Ommissis A u kien qalilhom li ma kinitx qeghdha mieghu. Imbaghad tefa t-telephone. L-ghada l-Hadd, kienu qamu u Fousseyni kien ipprepara l-*breakfast*, kielu u wara ftit il-minuri qaltlu li riedet titlaq u fil-fatt akkompanjaha sal-bieb tal-flat, pero' Ommissis A ma hallietux jakkumpanjaha sa fejn kellha tigi migburha minn membru tal-familja. Fil-5 ta' Frar, l-Ispettur Raymond Aquilina rega' kellem lil minuri li baqghet issostni l-verzjoni taghha. Taghtu iktar dettalji rigward tad-deskrizzjoni tal-flat fejn kienet raqdet dak il-lejl, li ma setghatx tohrog 'il barra mill-flat il-ghaliex l-imputat kien tefaghha fuq il-parti ta' gewwa tas-sodda ta' wiehed u nofs, b'mod illi ma setghatx ticcaqlaq. Mistoqsija, l-Ispettur Aquilina xhed illi l-minuri kienet qaltlu illi hwejjigha kienu baqghu fil-kamra. Il-minuri kienet qaltlu wkoll illi anke meta kienu telghu fuq tal-linja, Fousseyni Kanitao kien qieghed lil Ommissis A fuq is-seat ta' hdejn it-tieqa, hu pogga hdejjha:

*"Hi qaltli 'beda jzommni milli niccaqlaq minn fuq is-seat' Staqsejtha jekk kienx hemm nies ohra tal-linja. Qaltli 'iva'. Ghedtilha 'il-ghaliex ma tlabtx ghajnuna minghand in-nies?' Qaltli, 'ghax bdejt nibza' minnu illi jtini xi daqqa u jsawwatni.'"* (ara xhieda a fol.22)

Spettur Aquilina ezebixxa l-kwerela tal-genituri ta' Ommissis A, cioe' Ommissis C u Ommissis B, li giet ezebita u mmarkata bhala Dok.RA1, flimkien mac-certifikat tat-twelid tal-minuri Dok.RA2. L-Ispettur Aquilina ezebixxa zewg lozor li gew elevati mill-fond ta' l-imputat u mghoddija lis-Surrologista Robert Cardona li gew ezebiti formalment bhala Dok.RA4. Gie ezebit ukoll il-mobile ta' Fousseyni Kanitao, l-ezebit Dok.RA6, kif ukoll il-mobile ta' Ommissis A, l-ezebit Dok.RA8. Gie ezebit ukoll mobile iehor li kien fil-pussess ta' Fousseyni Kanitao, l-ezebit Dok.RA10.

Fl-istqarrija tieghu, Fousseyni Kanitao, innega l-allegazzjonijiet kollha maghmula minn Ommissis A u

stqarr li Ommissis A kienet qaltlu li ghandha ommissis-il sena, allavolja tidher ta' ghoxrin, illi huwa bl-ebda mod ma sakkar il-bieb tal-flat minn gewwa, anzi halla c-cwievet tal-flat fuq il-mejda tal-kamra kif tidhol. Fl-istqarrija tieghu, Fousseyni Kanitao, baqa jsostni ripetutament illi huwa ma kellux x'jaqsam sesswalment ma' Ommissis A.

Ommissis B, a fol.34 et seq. ikkonfermat ir-rapporti illi hija ghamlet mal-Pulizija rigward it-tifla taghha, Ommissis A. Ommissis B xhedet illi hija kienet ipprovat fil-lejl ta' bejn l-erbgha (4) u l-hamsa (5) ta' Frar 2006 iccempel lil bintha ghal diversi drabi, izda l-mobile kien mitfi. Irnexxielha tiehu n-numru ta' Fousseyni Kanitao minghand bintha l-ohra Ommissis E. Ikkomunikaw mieghu izda dan sostna illi kien ilu ma jara lil Ommissis A xi sitt (6) xhur u li ma kinitx qeghdha mieghu. Il-missier, Ommissis C, imbaghad hareg ifittex lil bintu f'Paceville, izda ma sabuwhiex. Fl-erbgha ta' filghodu (4:00a.m.) ghamlu rapport l-ghassa tal-Pulizija. Ommissis B xhedet illi safrattant zewgha rega' cempel lil Fousseyni Kanitao u tallbu l-indirizz tieghu u dan irrispondieh li kien qieghed jghix f'Burmarrad. Ftit mumenti wara Ommissis A cemplet liz-zija taghha u zewgha mar jigbor lil Ommissis A f'Burmarrad u hadha ghand nannitha.

Il-minuri Ommissis A xhedet a fol.50 et seq., permezz ta' *video conference* u qalet illi kellha ommissis (ommissis)-il sena, kwazi ommissis (ommissis), u li kienet ilha taf lill-imputat, Fousseyni Kanitao xi sena qabel il-ghaliex hija kienet tohrog ma' siehbu, bl-isem ta' Ismael ghal xi sena. Xhedet illi wara li hassret ma' Ismael, Fousseyni Kanitao beda jibghatilha l-messaggi ta' kuljum. Ftit wara kienet harget ma' sehbitha f'Paceville u rat lil Kanitao u s-Sibt ta' wara harget mieghu. Hija kompliet tghid illi kienu marru l-Belt f'xi s-sitta (6:00p.m.) u marru l-Barrakka ta' Fuq u qaghdu jitkellmu ftit u mbaghad riedet tmur id-dar u rikbu l-karozza tal-linja.

*"U hu rikeb l-istess karozza tal-linja mieghi, tefani n-naha tal-hgiega sabiex jien ma nohrogx."* (ara xhieda a fol.52).

Minkejja illi hi kienet tghix l-Imsida, hija fil-fatt ma nizlitx l-Imsida u ddecidiet illi tmur il-Mosta u torqod ghand nannitha. Il-minuri xhedet illi meta waslu l-Mosta, l-imputat ma hallijiex tinzel ghand in-nanna taghha:

*"U ma hallienix, beda jghidli 'Le ejja ghada', u bzajt nghajjat jew indoqq il-qampiena ghax ghedt jtini xi daqqa…u kelli nibqa' sejra mieghu mbaghad l-flat…Burmarrad."* (ara xhieda a fol.53).

Il-minuri xhedet illi huwa fetah il-flat bic-cavetta tieghu kif dahlu poggew bil-qeghda u bdew jitkellmu, irrangatlu l-mobile u mbaghad bdew jitbewsu.

*"Beda jnehhili l-hwejjeg ghalxejn bdejt nimbuttah u nghidlu le nehhihomli xorta. Imbaghad tela' fuqi ghax hu kien diga' nehha l-hwejjeg malli dhalna, kien nehha t-top u gie b'zaqqu barra bil-qalziet biss u xeghel id-diski ghamlu r-radio full-on il-lejl kollu ghamlu l-istereo u mbaghad x'hin bdejt nimbuttah lilu minn fuqi zammli jdejja hekk 'il fuq mgharbutin 'il fuq li jiena mbaghad ma stajtx nohrog minn tahtu."* (ibid a fol.53)

Il-minuri xhedet illi Fousseyni Kanitao kellu *full sexual intercourse* maghha:

*"Imbaghad wara ftit nizel u raqad u lili tefani fuq in-naha ta' gewwa tas-sodda, hallieni bla hwejjeg il-lejl kollu beda jzommni, siequ beda jzommli sieqi u b'idu zammli idi ghax jiena ma stajtx nohrogx…raqad hu…kelli noqghod hemm ma stajtx niccaqlaq ghax baqa' jzommni kont qeghda bla hwejjeg arwiena huta."* (ara xhieda a fol.54).

Il-minuri tghid illi nelfrattemp kienu qeghdin icemplu l-genituri taghha fuq il-mobile taghha u Fousseyni Kanitao tfielha l-mobile u ma hallihiex tkellimhom. Sussegwentement il-genituri cemplu lilu u kien qalilhom li kien ilu ma jara lil binthom xi sitt (6) xhur. L-ghada filghodu Fousseyni Kanitao hareg jixtri l-hobz u meta rat il-bieb imbexxaq, libset u harget. Il-minuri xhedet illi hija cemplet liz-zija taghha, spjegatilha li kienet Burmarrad u tallbitha

tibghat liz-ziju ghaliha. Il-minuri tghid ukoll illi Fousseyni Kanitao ried jiltaqa' maz-ziju taghha izda hi ma hallietux ghax bdiet tibza' illi jigu fl-idejn. Il-minuri xhedet illi Fousseyni Kanitao kien fetah il-bieb tal-flat tieghu bic-cavetta u li kif ghalaq il-bieb, sakkar il-bieb bic-cavetta u dahhal ic-cavetta fil-but tal-*jeans* tieghu:

*"Biex ma nkunx nista' nohrog jien."* (ara fol.56).

A fol.57, il-minuri tghid illi minkejja illi Fousseyni Kanitao ma hallihiex tinzel minn tal-linja, hadha l-flat tieghu kontra r-rieda taghha, sakkar il-bieb warajjhom u ma hallihiex tohrog hija xorta wahda ghenitu billi irrangatlu l-mobile tieghu. Il-minuri xhedet illi meta dahlet f'dik il-kamra hija poggiet fuq is-siggu u l-imputat kien hadha minn idejjha u hadha ghal fuq is-sodda. Il-minuri xhedet illi ma uza ebda forza sabiex akkompanjaha mis-siggu ghal fuq is-sodda. Lanqas ma ghajjat jew werzaq maghha. Il-minuri xhedet illi l-uniku rezistenza illi ghamlet meta beda jnezzahha, kienet illi qaltlu l-kelma 'move' u bdiet timbuttah. Mistoqsija, il-minuri ma ghamlet xejn meta indunat illi l-imputat kien sakkar il-bieb.

*"Bdejt nibza' li, ghedt ha jtini xi daqqa jien."* (ara xhieda a fol.60).

Mistoqsija ripetutament jekk ghamletx xi tentattiv illi tiehu l-mobile taghha f'idejha, il-minuri rrispondiet fin-negattiv; *"Ghax kien mitfi, tfihuli."* (ara a fol.61). Mitluba il-ghaliex ma gibdietx l-attenzjoni tal-kunduttur jew tan-nies l-ohra (kien hemm madwar ghoxrin ruh fuq ix-xarabank) sabiex tkun tista' tinzel il-Mosta, il-minuri xhedet illi bezghet:

*"Ghedt ma jmurx jtini xi daqqa."*

Mitluba tispjega il-ghaliex kemm-il darba kienet diga' qed tibza' minnu meta kienet fuq tal-linja r-raguni il-ghaliex kompliet tmur mieghu l-flat, l-minuri xhedet illi hija hassbet illi ser juriha l-flat:

*"Hu qal biex jurini l-flat."* (ara xhieda a fol.63).

Mitluba tispjega l-manjiera kif telghat fuq fil-flat, il-minuri xhedet illi kien qabadha minn daharha, *"Bhal zewg namrati"* u tellaghha fuq u ma kaxkariex it-taragg kollu bilfors. Il-minuri xhedet ukoll illi qabel ma kienet harget ma' Fousseyni Kanitao, kellha *boyfriend* iehor bl-isem Ismael u kienet ilha tohrog mieghu ghal madwar sena izda qatt ma kienu ghamlu affarijiet oltre' minn semplici bews. Mitlubha tghid il-ghaliex ma cemplitx lil genituri taghha ghall-ghajjut meta hija kienet imbezza' fuq il-karozza tal-linja, il-minuri rrispondiet illi kellha l-'handbag' ma' l-art hdejn saqajjha u kienet imrassa mal-hgieg. Il-minuri, fuq mistoqsija tal-Qorti, ikkonfermat illi maghtul il-hin kollu illi hija kienet fil-flat ta' l-imputat, il-mobile taghha kien qieghed fuq il-mejda u fl-ebda hin ma ccaqlaq minn fuq il-mejda waqt illi l-hwejjeg tal-minuri kienu qeghdin fuq siggu fl-istess kamra. Hija tghid illi ma setghatx tqum mis-sodda il-ghaliex huwa beda jzommha allavolja kien rieqed. Il-minuri xhedet illi lanqas biss ipprovat, minkejja l-fatt illi hwejjigha kienu hames piedi 'l boghod, kif kien ukoll il-mobile.

In kontro ezami l-minuri kkonfermat illi zijuha gie ghaliha f'xi tmienja neqsin kwart (7:45). Mitluba tghid il-ghaliex meta cemplu l-genituri taghha u rrispondihom l-imputat ma werzqitx jew ghamlet xi sinjali ghall-ghajnuna, l-minuri xhedet illi bdiet tibza'. Mitluba tghid il-ghaliex fil-fatt ma hallietx lil Fousseyni Kanitao jiltaqa' ma' zijuha, l-minuri xhedet illi bdiet tibza' illi zijuha ser jatih xi xeba. (ara xhieda a fol.73). A fol.74 il-minuri kkonfermat illi hija qatt ma baghtet messaggi lil Fousseyni Kanitao. Mitlubha tghid jekk qatt kienet hi li qatghat it-telephone meta cemplu l-genituri taghha, l-minuri l-ewwel irrispondiet: *"Ma jidhirlix,"* u meta giet issikkatha mill-Qorti, xhedet illi qatghatilhom darba wahda biss. (ara xhieda a fol.76). A fol.77, il-minuri kkonfermat illi hija ghamlet il-'call reject' ghax ma riditx li l-genituri taghha jigu l-flat ta' Kanitao. (ara xhieda a fol.77) Ikkonfermat ukoll illi ma riditx tirrispondi t-telephone il-ghaliex kienet iggieldet mal-genituri taghha u ma kinitx qaltilhom li qeghdha fil-flat ma' Kanitao. Il-minuri

kkonfermat a fol.78 u u fol.79 illi waqt li kienu fil-Barrakka ta’ Fuq, Fousseyni Kanitao kien biesa u hi kienet bisitu lura. A fol.79, il-minuri xhedet illi waqt li kienu l-flat bisitu hi minn jhedda lill-imputat xi hames (5) darbiet. A fol.80, ikkonfermat illi l-ebda parti ta’ hwejjigha ma kienu mqatta’. A fol.81, kkonfermat illi apparti l-imbottatura pjuttost lieta’ (diskussa a fol.80) hija ma sawtitx jew gidmet jew xehtet xi affarijiet jew kissret xi affarijiet fil-flat bhala parti mir-rezistenza taghha. A fol.81, il-minuri xhedet illi wara illi l-imputat kellu x’jaqsam maghha sesswalment, hija baqghet tbus lill-imputat. Wara l-kongungiment karnali, l-minuri xhedet illi Fousseyni Kanitao qam mis-sodda u dahal fil-kamra tal-banju u dam xi zewg (2) minuti. Mistoqsija tghid jekk kemm-il darba pprovat taghmel telefonata f’dawn iz-zewg minuti, jew almenu tqum tilbes u tiehu hwejjigha, l-minuri rrispondiet fin-negattiv. A fol.84 il-minuri kkonfermat illi l-genituri taghha bdew icemplu t-telephone taghha u t-telephone ta’ l-imputat wara li Fousseyni Kanitao kellu kongungiment karnali maghha.

Andrew Azzopardi, social worker f’Dar is-Sliem, a fol.86, ikkonferma illi l-imputat kien wiehed mill-klijenti taghhom sas-sena 2005. Huwa spjega illi l-imputat kien ghalaq it-tmintax (18)-il sena u kien iddecieda li jmur jghix ghal rasu.

A fol.106, Dr. Anthony Licari kkonferma illi huwa *lecturer* tal-Franciz l-Universita’ u kkonferma l-prezenza tieghu waqt it-tehid ta’ l-istqarrija Dok.RA, fejn hu kien responsabbli ghat-traduzzjoni mill-Malti ghal Franciz waqt it-tehid ta’ l-istess stqarrija ta’ l-imputat.

PC 1229 Antoine Cilia, a fol.109 et seq., ikkonferma r-rapport li kienu ghamlu l-genituri Ommissis B u Ommissis C dwar in-nuqqas tat-tifla taghhom. Dawn kienu rritornaw l-Ghassa tal-Pulizija ghal habta ta’ nofsinhar. PC 1229 kellem lil genituri u mbaghad kellem lit-tifla taghhom. Illi hija, skond PC 1229 Cilia, xhed illi l-minuri Ommissis A spjegatlu kif iltaqaw il-Belt u wara li wara ftit qabdu tal-linja u telghu sa Burmarrad flimkien u marru l-flat ta’ Fousseyni Kanitao.

***"Hemmhekk qaltli li cempel missierha wkoll beda jcempel lil Fousseyni fuqu u Fousseyni dejjem qallu li mihiex qeghdha mieghu ghax beda jibza' minn missierha li jinqala' xi inkwiet. It-tifla qalet illi kellha x'taqsam sesswalment mieghu u qaltli illi kien minn jeddha."* (ara xhieda a fol.109 u fol.110) *"…minn jeddha u hu ma sfurzahhiex."***

Surgent 1349 xhed illi meta nforma illi l-imputat kellu jitressaq il-Qorti ghaliex kellu x'jaqsam sesswalment ma' minuri, **l-istess minuri wiegbet, *"Imma jien ridt."*** (ibid a fol.110).

Meta nforma li kien ukoll ser jitressaq minhabba illi kien zammha f'post minghajr il-permess tal-genituri taghha, **l-minuri rrispondietu, *"Imma mhux jien qadt?"*** (ibid a fol.110).

PC 1229 Antoine Cilia kkonferma illi sussegwentement kienu marru jarrestaw lill-imputat fil-fond '32' Flat 4 Triq Burmarrad, Burmarrad. Is-Surgent Cilia ta deskrizzjoni tal-flat ta' l-imputat Fousseyni Kanitao a fol.111. A fol.112, l-istess Surgent ma setghax jiftakar jekk il-bieb ta' barra ta' l-appartament Flat 4 ta' l-imputat kien imsakkar minn gewwa.

WPC 25 Charlene Camilleri a fol.113, ikkonfermat ix-xhieda ta' PC 1229 u kienet prezenti waqt l-arrest ta' l-imputat.

WPC 24 Josephine Gauci a fol.116 et seq., ikkonfermat il-prezenza taghha waqt l-istqarrija ta' Ommissis A li ttiehdet fil-prezenza ta' ommha Ommissis B. A fol.150 gie ezebit Process Verbal Dok.MDF.

Dr. Mario Scerri kkonferma r-relazzjonijiet tieghu li tinstaghab a fol.8 tal-Process Verbal fejn kien ta' l-opinjoni illi l-griehi tal-minuri ma kienux kompatibbli ma' stupru.

PC 1535 Patrick Farrugia a fol.152, ezebixxa r-relazzjoni tieghu konsistenti tlieta u ghoxrin (23) ritratt.

**Joseph Zammit a fol.159, ezebixxa r-relazzjoni tieghu Dok.JZ u kkonferma illi s-serratura tal-flat tissakkar b'cavetta minn barra, filwaqt li minn gewwa ma tissakkarx b'cavetta, anzi l-bieb jista' jissakkar minn gewwa b'semplici *knob*.**

**Kif jidher mir-relazzjoni ta' l-Espert Martin Bajada, l-minuri baghtet diversi messaggi lil Fousseyni Kanitao, inkluz wahda li tghid illi hija thobbu ftit qabel l-incident.**

Robert Cardona a fol.225, ikkonferma r-relazzjoni tieghu u kkonferma illi kellu **rizultat negattiv** ghal prezenza ta' demm kif ukoll ghal prezenza ta' *acid fosphatase* fuq il-kampjun originali tal-minuri, fis-shorts tal-jeans ta' l-imputat u l-hwejjeg ta' l-imputat kif ukoll fuq iz-zewg lozor ta' lewn isfar elevati mill-Pulizija.

Ommissis C a fol.227, ikkonferma l-kwerela illi huwa ghamel flimkien ma' martu Ommissis B, lil Pulizija u li kkonferma x-xhieda ta' martu. Huwa xhed fit-tul dwar it-tragitti li ghamel sabiex huwa jfittex lil bintu li ma kinitx irritornat fil-hin, xhed illi kien mar darbtejn l-ghassa ta' l-Imsida, darba l-ghassa ta' Birkirkara, li kien mar ifittex lil Fousseyni Kanitao fl-indirizz illi kellu f'Hal Balzan pero' dan kien kollu ghalxejn. Xhed ukoll illi wara diversi drabi li pprova jcempel lil Fousseyni Kanitao u lil bintu maghtul il-lejl u li Fousseyni kien qallu illi kien ilu ma jara lil bintu sitt (6) xhur.

Ommissis D li jigi z-ziju ta' Ommissis A, xhed a fol.233 u nforma lil Qorti li huh Ommissis C kien cempillu sabiex jatih l-ahbar dwar il-mankanza tal-minuri Ommissis A filghodu fil-5 ta' Frar, 2006. Ommissis D xhed illi ghaldaqstant hu wkoll beda jipprova jcempel lil Ommissis A u wara xi erba' (4) telefonati din irrispondiet it-telephone. Ommissis D xhed illi Ommissis A kienet qaltlu sabiex jigborha minn Burmarrad u hu hekk ghamel. **Ommissis D xhed illi Ommissis A ma kienet taghtu ebda dettalji dwar dak li seta' gara fil-lejl ta' bejn l-erbgha (4) u l-hamsa (5) ta' Frar, 2006.**

Ikkonsidrat:

Illi mix-xhieda fuq prodotta l-Qorti ma tistax ma tasal ghal konkluzjoni illi dan il-kaz si tratta ta’ stupru, anzi ghal kuntrarju si tratta ta’ tfajla ta’ kwazi ta’ ommissis (ommissis)-il sena li kellha avventura sesswali ma’ guvni u dana bil-kunsens u l-volonta’ piena taghha.

Dan qieghed jinghad ghal diversi ragunijiet primarjament il-ghaliex ir-rakkont li tat il-minuri Ommissis A ma huwiex biss inverosimili, imma kwazi kwazi lanqas biss jaghmel sens. Il-Qorti hija mpressjonata b’mod negattiv dwar il-manjiera bierda ta’ kif il-minuri tat ir-rakkont taghha u apparti dana kollu l-evidenza medika u xjentifika mhux biss ma jsahhuhx kaz ta’ stupru izda addirittura jikkorraboraw avventura sesswali konsenswali.

Di piu’, ic-cirkostanzi kollha **in segwitu** tal-kongungiment karnali juri b’mod anka ovvju illi Ommissis A ma kienet bl-ebda mod imsakkra fil-flat ta’ Fousseyni Kanitao u ma hemm ebda evidenza ta’ koerzjoni da parti ta’ Fousseyni Kanitao.

Il-Qorti ser titratta dawn l-erba’ punti fil-fond:

1) Meta wiehed jezamina bir-reqqa u fil-profond ir-rakkont ta’ Ommissis A mill-punt ta’ meta ltaqghet ma’ Fousseyni Kanitao sakemm huma wasslu sal-flat tieghu u sar il-kongungiment karnali, wiehed malajr jinnotta l-inverosimiljanza grossollan, tant illi r-rakkont ma jaghmel ebda sens. Dan qieghed jinghad il-ghaliex wara li ltaqghaw ghal-habta ta’ xi s-sitta, l-Belt, Ommissis A u Kanitao marru l-Barrakka ta’ Fuq fejn kienu qaghdu jinnamraw. Meta sar il-hin, Ommissis A tghid lil Qorti illi hija xtaqet illi tmur id-dar. Ommissis A ma qabditx ix-xarabank li jwassalha sa l-Imsida jew almenu hadet wahda li twassalha sa tas-Sliema izda hadet wahda li tehodha sa Burmarrad. Ommissis A tghid illi din il-karozza kienet pjuttost mimliha li kien hemm almenu ghoxrin (20) ruh u li Fousseyni Kanitao tefaghha fuq in-naha ta’ gewwa hdejn il-hgiega. Ommissis A ma nizlitx l-Imsida sabiex

tmur id-dar u mill-Belt sa l-Imsida biddlet fehmtha u ddecidiet illi tmur ghan nannitha l-Mosta. Meta waslet il-Mosta, Ommissis A bdiet tipprova tipperswadi lil Qorti illi Fousseyni Kanitao ma hallihiex tinzel tara lil nannitha, u dana minkejja li x-xarabank kienet mimliha nies li setghu tawha l-ghajjut. Mitluba tghid il-ghaliex ma ghafsitx il-buttuna jew ghajjtet ghall-ghajnuna mill-kunduttur jew minn nies ta' madwarha, Ommissis A xhedet illi ma ghamiltx dan ghax bezghat illi taqla' xi daqqa u gibdet l-attenzjoni tal-Qorti ghal curkett kbir li kellu f'idejh Fousseyni Kanitao. Dan ir-rakkont ma jaghmel ebda sens, kif lanqas ma jaghmel sens il-verzjoni tal-minuri li ghazlet li ma ccempilx fuq il-mobile taghha il-ghaliex il-baskett kien qieghed hdejn saqajjha. **Minkejja dan il-biza' kollu, Ommissis A iddecidiet li takkompanja lil Kanitao fil-flat tieghu**.

2) Illi apparti l-fatt illi, oggettivament, dan ir-rakkont ma jaghmel ebda sens, din il-Qorti baqghet mistaghgba bil-manjiera illi Ommissis A tat ix-xhieda taghha. Fl-esperjenza ta' din il-Qorti, adult ta' sess femminili illi jigi stuprat, ibghati immens sabiex jaghti dettalji tar-rakkont trawmatiku li minnu jkun ghadda. L-effett trawmatiku ta' tali esperjenza huwa rifless f'manjiera ferm aktar gravi meta tkun minuri jew tifla taht l-eta' li tkun qed taghti rakkont ta' tali trawma. Eppura Ommissis A taghti rakkont taghha li **kien mankanti ghal kollox minn kwalunkwe emozzjoni, donnha qeghdha tirrepeti xi lezzjoni.**

3) Il-Qorti issa sejra tghaddi ghal konkluzjonijiet medici u xjentifici illi taw l-Esperti nominati fl-inkjesta. Dr. Mario Scerri fir-rapport tieghu Inkjesta a fol.8 tal-Process Verbal, ikkonferma illi fuq il-persuna ta' Ommissis A **ma kien hemm ebda feriti, tbengil, grif jew sinjali illi juru illi kien hemm xi vjolenza jew almenu xi forma ta' sarar jew rezistenza.** Ikkonferma wkoll illi l-*hymen* ta' Ommissis A kienet turi ticrita friska u tbengila zghira. Dawn il-griehi hfief fil-fatt gew deskritti kif ser jinghad: ***"Illi minn dawn il-lezjonijiet ghalkemm jidher illi kien hemm penetrazzjoni ricenti l-evidenza ma tantx hija konvincenti illi kienhemm penetrazzjoni sfurzata."*** (ara pagna 10 tar-relazzjoni ta' Dr. Mario Scerri).

Illi, di piu, fir-rakkont taghha, Ommissis A issostni illi hija kienet giet imsaffra gewwa l-flat ta' Fousseyni Kanitao. Illi dan kien ha c-cwievet tal-flat u kien qeghedhom fil-*jeans* tieghu u li allura hi ma setghatx tohrog 'il barra minn dan il- flat. Apparti l-fatt illi Fousseyni Kanitao, bhal minuri, ma damx wisq bil-hwejjeg li kellu fuqu u li dawn il-hwejjeg kienu xi erba' piedi 'l boghod minn fejn kienet Ommissis A, jibqa' l-fatt kardinali illi kif jirrizulta minn relazzjoni ta' Joseph Zammit, **dan il-flat ma kellux serratura illi tippermetti illi tintuza cavetta biex issakkru hemm gewwa. Dan huwa fatt kardinali xjentifiku illi xxejjen addirittura t-tezi tal-minuri.**

4. Il-Qorti issa ser tghaddi biex tezamina c-cirkustanzi illi segwew il-kongungiment karnali bejn il-minuri Ommissis A u Fousseyni Kanitao. Il-minuri Ommissis A issostni illi l-kongungiment karnali sehh ftit wara illi huma dahlu fil-flat ta' Kanitao. Skond l-istess rakkont tal-minuri huma kienu wasslu Burmarrad ferm qabel il-hin li hija suppost irritornat id-dar**. Illi in segwitu tal-kongungiment karnali. Ommissis A tammetti illi hi u Fousseyni baqghu jitbewsu ghal perijodu konsiderevoli u li minn rajha kienet bieset lil Fousseyni**. Illi, di piu', Ommissis A tammetti wkoll illi **hija kienet irrifjutat 'call' fuq il-mobile** taghha meta cemplulha l-genituri u dana dejjem wara l-kongungiment karnali. Illi apparti dana kollu meta, finalment, missierha cempel lil Fousseyni u meta dan indenja ruhu jirrispondih, **Ommissis A ma ghamlet ebda attentat sabiex tghajjat ghall-ghajjut jew b'xi mod iehor tinforma lil genituri taghha illi hija kienet qeghdha f'sitwazzjoni perikoluza**.

Huwa sinifikanti wkoll il-fatt illi **Ommissis A ghazlet illi tirrispondi t-telefonata ta' zijuha Ommissis D u ghazlet lilu biex jigborha.** Illi, di piu', ma hallietx lil Fousseyni Kanitao jiltaqa' ma' zijuha **ghax bezghet illi dan ser jagredixxi lil Fousseyni Kanitao u xtaqet tipprotegieh.**

Illi apparti dana kollu jibqa’ punt krucjali illi din il-Qorti ma tistax ma taghmilx accenn ghalieh u tatieh il-pis misthoqq. A tempovergine, Ommissis A ammettiet mal-Pulizija illi l-kongungiment karnali kien konsenswali u kienet inkwetata li ser jittiehdu proceduri kriminali kontra l-istess Kanitao minkejja l-volonta’ piena taghha ghall-partecipazzjoni fl-attivita’ sesswali.

Din il-Qorti hi tal-fehma illi l-minuri biddlet il-verzjoni taghha purament ghal raguni ewlieni, cioe l-biza’ tal-genituri taghha.

Illi ghaldaqstant din il-Qorti hi tal-fehma illi l-ewwel akkuza taht l-Artikolu 198 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta u cioe ta’ stupru ma tirrizultax mill-provi prodotti.

Illi l-imputat jinsab mixli wkoll ta’ korruzzjoni tal-minorenni msemmija taht l-Artikolu 203 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta. Dan l-Artikolu jipprovdi:

*‘Kull min b’eghmil zieni jikkorrompi persuna taht l-eta’, tas-sess il-wiehed jew l-iehor, jehel, meta jinstab hati, il-piena ta’ prigunerija ghal zmien mhux izjed minn tlett snin, bir-rekluzjoni jew minghajrha; izda l-piena ghal dan id-delitt tkun ta’ prigunerija minn tlett snin sa sitt snin bir-rekluzjoni jew minghajrha, f’kull wiehed mill-kazijiet li gejjin:*
*(a) jekk id-delitt isir bi hsara ta’ persuna li ma ghalqitx l-eta’ ta’ tnax-il sena jew inkella bi vjolenza;*
*(b) jekk id-delitt isir bit-theddid jew b’qerq;*
*(c) jekk id-delitt isir minn axxendent, mid-demm jew bi zwieg, jew minn missier jew l-omm addottiv, jew minn tutur tal-minuri, jew minn haddiehor li lilu, imqar jekk ghal xi zmien, ikun giet fdat il-minuri sabiex jiehu hsiebha, jedukaha, jghallimha, jindukraha jew izommha.’*

Illi minkejja dak illi jsostni Kanitao fl-istqarrija tieghu, din il-Qorti tifhem illi kongungiment karnali bejn l-imputat u l-minuri sehh fil-lejl citat fl-akkuza u evidenza xjentifika ta’

dan hija t-ticrita friska fil-*hymen* (ara Dok.MS rapport ta' Dr. Mario Scerri).

Illi skond il-gurisprudenza nostrali, kongungiment karnali huwa konsidrat bhala atti di libidini par excellance.

In fatti:
**Republic of Malta vs Carmelo Spiteri**, deciza fl-20 ta' March 1989 irriteniet illi kongungiment karnali ma' minuri huwa atti libidini skond l-Artikolu 203 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta:

*"Fost l-atti ta' libidini, ghall-finijiet tar-reat ta' korruzzjoni ta' minorenni, hemm kompriz ilkongungiment karnali. L-Artikolu 203 tal-Kodici Kriminali jirrikjedi fost affarijiet ohra li l-att ta' libidini jkun effettivament ikkorrompa lill-minuri. Huwa minnu li jistghu jinghalqu kazijiet fejn is-suggett passiv tar-reat, minhabba hajja dedikata ghall-laxxivja u ghall-pjaciri sesswali, ikun fi stat ta' travjament morali tant komplet li difficilment wiehed jista' jimmagina kif jista' jigi ulterjorment korrott; izda hu cert ukoll li esperjenza sesswali precedenti mhux necessarjament teskludi l-possibilita' li jkun hemm korruzzjoni."*

Illi l-istess Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-sentenza fuq imsemmija kompliet tghid:

*'Huwa fatt li jistghu jinqalghu kazijiet fejn l-allegat suggett passiv tar-reat ikkontemplat fl-Artikolu 203, minhabba hajja dedikata ghall-laxxivja u ghall-pjaciri sesswali, ikun fi stat ta' travjament morali tant komplet li difficli wiehed jista' jimmagina kif jista' jigi ulterjorment korrott, u kazijiet bhal dawn gieli gew ikkunsidrati minn din il-Qorti, izda huwa cert ukoll li l-esperjenza sesswali precedenti mhux necessarjament teskludi l-possibilita' li jkun hemm korruzzjoni ghaliex kif intqal mill-Qorti tal-Appell Kriminali, in re, Il-Pulizija versus George Portelli, deciza fit-2 ta' Frar 1975, (fejn dik il-Qorti kienet abbraccjat it-tejorija moderata tal-Maino), mhux qed jinghad li persuna gia parzjalment korrotta, ma tistax tigi korrotta izjed. Si tratta ta' kwistjoni ta' bilanc.'*

In oltre’, fil-kawza **Il-Pulizija kontra Lorenzo Baldacchino** deciza fit-30 ta’ Marzu 1963, il-Qorti ta’ l-Appell Kriminali (Mill-Imhallef William Harding) ippronuncjat:

*‘Il-persuna korrotta ghandha d-dritt illi ma tigix ulterjorment korrotta, u hadd ma ghandu d-dritt li impunement jispingiha aktar fit-triq tal-korruzzjoni, jew jimpedilha l-possibilita’ tar-rigenerazzjoni.’*

Kif ukoll fil-kawza **Il-Pulizija kontra Carmelo Grech** deciza fit-18 ta’ Gunju 1960, mill-Qorti ta’ l-Appell Kriminali (Mill-Imhallef William Harding) ntqal:

*‘Il-Qrati ta’ Malta qatt ma abbraccjaw it-teorija, propunjata minn xi skritturi, illi r-reat ta’ korruzzjoni ma jezistix meta l-minuri jkun ga totalement korrott. Huma dejjem irritenew illi anka l-minuri korrott ghandu d-dritt li ma jigix ulterjorment korrott, hu x’inhu l-istadju tal-korruzzjoni tieghu.’*

Illi fil-kaz in ezami, ma hemmx dubju ta’ xejn illi l-minuri kienet ghada legalment taht l-eta’ u dana fis-sens tekniku il-ghaliex kienet ghadha ma ghalqitx it-tmintax (18)-il sena. Hawnhekk il-Qorti ma tistax ma tissollenijax il-fatt illi Ommissis A ma kinitx tidher fiz-zmien citat fl-akkuza, illi kienet tifla ta’ ommissis (ommissis)-il sena, kwazi ommissis (ommissis), izda kienet tidher ferm akbar. Illi lanqas ma hemm dubju skond il-gurisprudenza nostrali fuq indikata illi l-kongungiment karnali huwa a lewd act jew atti di libidini ai termini ta’ l-Artikolu 203 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Illi ghalhekk din l-akkuza dedotta kontra l-imputat tissussisti skond il-ligi.

L-istess ma jistax jinghad pero’ ghall-akkuza ta’ sekwestru jew arrest legali tal-minuri msemmija.

Apparti d-dictitura u nsenjament tal-Qorti ta’ l-Appell Kriminali fis-sentenza **Pulizija kontra Denis Pandolfino et.** deciza fid-19 ta’ Ottubru, 2006 (fejn is-sekwestru f’dawn it-tip ta’ kawzi ma jissussistix bhala reat separat kemm-il darba jigi kkonsidrat bhala “a means to an end” ghal reat principali ta’ stupru jew korruzzjoni ta’ minorenni) fil-kaz in ezami, is-sekwestru nniffsu ma jissussistix. Dan qieghed jinghad il-ghaliex minkejja dak li xehdet il-minuri fuq is-sokor tal-flat u li c-cavetta kienet mizmuma fil-but tal-*jeans* ta’ Kanitao, u flimkien mal-fatturi dwar il-kredibilita’ tal-minuri, diga trattati fis-sentenza iktar ‘il fuq, jirrizulta, oggettivament ipprovat mir-relazzjoni ta’ l-Espert Tekniku Joseph Mallia (ara Dok.JZ) **illi l-bieb inniffsu ma kienx jissakkar bic-cavetta minn gewwa.**

Illi ghal dawn il-motivi l-Qorti ssib lill-imputat, Fousseyni Kanitao, hati tat-tieni (2) akkuza, mhux hati ta’ l-ewwel (1), it-tielet (3) u r-raba’ (4) akkuza illi hija alternattiva ghat-tieni (2) akkuza u minn dawn il-Qorti qed tilliberah, u wara li rat Artikoli 28A u 203 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tikkundanna lill-imputat, Fousseyni Kanitao, ghal sena prigunerija sospiza ghal sentejn.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------